



# **Kwestjonarju bħala għodda għall-investigazzjoni ta' tifqigħat ta' mard li ġej mill- ikel u mill-ilma**

## **Gwida**

Ċitazzjoni ssuġġerita: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Kwestjonarju bħala għodda għall-investigazzjoni ta' tifqigħat ta' mard li ġej mill-ikel u mill-ilma – Gwida [Ottubru 2016], Stokkolma, 2016.

© Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, Stokkolma, 2016

# Werrej

Sfond.....	3
Metodoloġija għall-iżvilupp tar-repożitorju .....	3
Gwida .....	4
L-użu tar-repożitorju.....	4
Pass 1: Kriterji ta' esklużjoni .....	4
Pass 2: Ibni l-kwestjonarju tiegħek .....	5
Pass 3a: Intervistatur jamministra l-kwestjonarju .....	6
Pass 3b: Kwestjonarji taħt amministrazzjoni personali .....	6

## Sfond

Tifqigħat ta' Mard li ġej mill-Ikel u mill-Ilma (FWD) fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE) u taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) huma kawżi importanti ta' morbidità u telf ekonomiku minħabba l-okkorrenza frekwenti tagħhom u s-severità okkażjonali tagħhom. Fl-2010, il-proġett taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) "[Toolkit for investigation and response to Food and Waterborne Disease Outbreaks with an EU dimension](#)" ("Sett ta' għodda għall-investigazzjoni u r-rispons għal Tifqigħat ta' Mard li ġej mill-Ikel u mill-Ilma b'dimensjoni tal-UE") li sar mill-Istitut Statens Serum (Copenhagen, id-Danimarka) u l-Istitut Norveġiż għas-Saħħa Pubblika (Oslo, in-Norveġja) wassal għall-iżvilupp ta' numru ta' għodod biex jappoġġja l-investigazzjoni ta' tifqigħa FWD Ewropea. Għodda 5 ta' dan is-sett ta' għodda kienet l-ewwel tentattiv biex jiġu żviluppatti mudelli ta' kwestjonarju minn grupp ta' mistoqsijiet.

Fi Frar 2015, l-ECDC organizza laqgħa tal-esperti biex jiġu identifikati l-prattiki differenti fit-termini tal-ħolqien u l-amministrazzjoni ta' kwestjonarji għall-investigazzjoni ta' tifqigħat fl-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE u biex jiġu identifikati toroq possibbli fir-rigward tal-appoġġ fl-investigazzjonijiet ta' tifqigħat nazzjonali u multinazzjonali. Din il-laqgħa enfasizzat il-ħtieġa li tiġi aġġornata Għodda 5 tas-sett ta' għodda li tqieset ġenerika wisq. Sar suġġeriment li jiġi żviluppat repożitorju ta' mistoqsijiet (grupp estiż ta' mistoqsijiet) u mudelli ta' kwestjonarju biex jappoġġjaw l-investigazzjoni tat-tifqigħat FWD (ir-rapport tal-laqgħa huwa disponibbli fuq talba). Sabiex tiġi indirizzata l-ħtieġa, ingħata bidu u twesttaq proġett imsejjaħ "kwestjonarju bħala għodda għall-investigazzjoni ta' tifqigħat FWD" mill-Istitut Nazzjonali għas-Saħħa Pubblika u l-Ambjent (RIVM, Bilthoven, in-Netherlands). L-għodda aġġornata għandha l-għan li tappoġġja l-ħolqien ta' kwestjonarji użati għal studji deskrittivi u analitiċi matul l-investigazzjonijiet tat-tifqigħat FWD fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali.

## Metodoloġija għall-iżvilupp tar-repożitorju

Għodda 5 tas-"Sett ta' għodda għall-investigazzjoni u r-rispons għal Tifqigħat ta' Mard li ġej mill-Ikel u mill-Ilma b'dimensjoni tal-UE" intużat bħala punt ta' tluq biex jinholq ir-repożitorju. Il-membri tan-[Netwerk-FWD tal-ECDC](#) ġew ikkuntattjati permezz ta' email u ntablu jikkondividu kwestjonarji li ntużaw f'investigazzjonijiet ta' tifqigħat li ġejjin mill-ikel. Wieħed u erbgħin kwestjonarju nġabru minn 13-il Stat Membru differenti tal-UE/ŻEE.

Bħala żieda ma' dan, saret tiftixa ad-hoc fuq l-internet biex jinstabu kwestjonarji addizzjonali li jiġġeneraw ipoteżi għal tifqigħat FWD. Instabu kwestjonarji fuq is-siti web li ġejjin: Iċ-Ċentri tal-Istati Uniti għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard (Centers for Disease Control and Prevention tal-Istati Uniti) (kwestjonarju wieħed), l-Awtorità tas-Saħħa Oregon (Oregon Health Authority) u d-Dipartiment tas-Saħħa ta' Minnesota (Minnesota Department of Health) fl-Istati Uniti (żewġ kwestjonarji u kwestjonarju wieħed rispettivament) u [The International Outbreak Museum](#) (Il-Mużew Internazzjonali tat-Tifqigħat) (tmien kwestjonarji). Barra minn hekk, ġew ipprovduti żewġ kwestjonarji mill-awturi tal-artikolu "Lessons learnt from a birthday party: A Bacillus cereus outbreak, Bari, Italy, January 2012, Martinelli et al. *Annali dell'Istituto Superiore di Sanita*. 2013; 49(4):391-394", wara kuntatt dirett.

Ħafna mill-kwestjonarji li nġabru ma kinux bl-Ingliż. Dawn il-kwestjonarji ġew tradotti permezz ta' magni tat-traduzzjoni u l-għarfien tal-esperti fi ħdan l-RIVM u l-ECDC.

Il-kwestjonarju bħala għodda għall-investigazzjoni ta' tifqigħat FWD iħaddan 1) dokument ta' gwida li jippreżenta l-informazzjoni ta' sfond, il-metodoloġija u kif għandha tintuża l-għodda, u 2) repożitorju ta' mistoqsijiet li għandu jintuża biex jinħolqu kwestjonarji għall-investigazzjoni ta' tifqigħat.

Verżjoni preliminari tal-gwida u r-repożitorju ġiet kondiviża man-Netwerk-FWD tal-ECDC għall-kummenti. Barra minn hekk, fid-9 ta' Settembru 2016 ġiet organizzata laqgħa tal-esperti biex jiġu rieżaminati b'mod kritiku l-gwida u r-repożitorju u jiġu identifikati l-passi possibbli li jmiss għall-proġett tal-kwestjonarju bħala għodda għall-investigazzjoni ta' tifqigħat FWD (ir-rapport tal-laqgħa huwa disponibbli fuq talba).

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) [il-klassifikazzjoni tal-ikel u s-sistema ta' deskrizzjoni](#) (Foodex2) intużat biex tiżgura l-komprensività u l-formulazzjoni tal-prodotti tal-ikel elenkati fir-repożitorju. L-allinjament tal-ismijiet tal-oġġetti tal-ikel elenkati fir-repożitorju tal-mistoqsijiet ma' FoodEx2 jippermetti l-paragun tal-konsum tal-ikel tal-individwi u l-konsum tal-ikel mistenni fl-Istati Membri rispettivi tal-UE, abbażi tal-[Bażi ta' Data Komprensiva tal-EFSA dwar il-Konsum tal-Ikel](#).

In-notifiki maħruġa permezz tas-[Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf](#) (RASFF) intużaw biex jiġi vverifikat li l-oġġetti kollha tal-ikel li nstabu li huma kkontaminati jiġu elenkati fir-repożitorju tal-mistoqsijiet.

Ir-repożitorju huwa maqsum f'20 kategorija (eż. mistoqsijiet relatati mal-ivvjaġġar, ħut u frott tal-baħar bil-qoxra, ħalib u prodotti tal-ħalib). Ħafna mill-kategoriji huma maqsumin f'subkategoriji biex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni ta' tipi ta' mistoqsijiet u prodotti tal-ikel. Il-prodotti tal-ikel elenkati huma prodotti tal-ikel li jittieklu jew jintużaw nejjin jew li mhumiex imsajrin biżżejjed, jew bi proċessi ta' manifattura jew tisjir li huma suxxettibbli għall-kontaminazzjoni. Prodotti tal-ikel jew platti speċifiċi għal pajjiż ma kinux inklużi fir-repożitorju.

Ir-repożitorju, u b'hekk il-mistoqsijiet, huwa l-ewwel nett żviluppat għall-fażi li tiġġenera tkarkir/ipoteżi ta' tifqigħa iżda jista' jiġi mmodifikat faċilment għall-użu fi studji epidemjoloġiċi analitiċi.

## Gwida

### L-użu tar-repożitorju

Dan ir-repożitorju huwa maħsub biex jintuża mill-epidemjoloġisti u mill-esperti tas-sikurezza alimentari li jinvestigaw it-tifqigħat FWD. Għal kull investigazzjoni ta' tifqigħa, għandu jintgħażel sett xieraq ta' mistoqsijiet biex jinħoloq kwestjonarju mfassal apposta. Il-mistoqsijiet li mhumiex fir-repożitorju u li huma meħtieġa għall-fini tal-investigazzjoni jenħteġ li jiddiedu mill-espert li qed jiżviluppa l-kwestjonarju. Suġġerimenti dwar mistoqsijiet li għandhom jiddiedu fir-repożitorju huma milqugħa u għandhom jintbagħtu permezz ta' email lil [FWD@ecdc.europa.eu](mailto:FWD@ecdc.europa.eu).

#### *Pass 1: Kriterji ta' esklużjoni*

Għal kull investigazzjoni, iddefinixxi l-kriterji ta' esklużjoni tiegħek u, fuq il-bażi ta' dawk il-kriterji, identifika liema mistoqsijiet ser jgħinuk teskludi l-persuni intervistati (ara l-eżempji fit-Tabella 1). Immarka b'mod ċar dawn il-mistoqsijiet sabiex l-intervistatur ikun jista' jidentifika faċilment jekk l-individwu jenħteġx li jiġi eskluż u b'hekk tintemm l-intervista. .

**Tabella 1: Eżempji ta' mistoqsijiet li jistgħu jintużaw bħala kriterji ta' esklużjoni**

<b>Esklużjoni ta'</b>	<b>Kapitolu</b>	<b>Mistoqsija magħmula</b>	<b>Pereżempju, wettaq esklużjoni jekk il-persuna li qiegħda tiġi intervistata twieġeb...</b>
Vjaġġaturi barra mill-pajjiż matul l-investigazzjoni ta' tifqigħat li mhumiex relatati mal-ivvjaġġar	3	Żort xi pajjiż ieħor fis-sebat ijiem qabel ma mradt?	Iva, kont barra 'l-pajjiż f'dak il-perjodu
Każijiet mingħajr sintomi	2	Meta kellek l-ewwel sintomi?	Ma kelli l-ebda sintomi
Każijiet sekondarji	2	F'darek kien hemm xi ħadd li kellu l-istess sintomi qabel?	Iva, żewġi kellu d-dijarea jumejn qabli.

## Pass 2: Ibni l-kwestjonarju tiegħek

**Agħżel il-mistoqsijiet u t-test introdutturju li teħtieġ skont il-patoġenu, it-tip ta' tifqigħa u l-mod li bih ser jiġi amministrat il-kwestjonarju.**

Evalwa r-repożitorju u ħassar il-mistoqsijiet li ma għandekx bżonn jew ikkopja u ppejstja l-mistoqsijiet li trid tuża f'dokument ġdid.

**Nota importanti:** Għal tifqigħat multinazzjonali, tbiddilx jew tneħħix l-identifikatur uniku tal-mistoqsijiet u tat-tweġibiet (in-numru bil-korsiv u bejn il-parentesi wara l-mistoqsija/t-tweġiba, eż. 0014a). L-identifikaturi jippermettu analiżi komparattiva faċli tar-riżultati mill-kwestjonarji amministrati f'lingwi differenti.

L-Anness 1 hawn taħt jissuġġerixxi liema gruppi ta' mistoqsijiet jistgħu jitqiesu għal inklużjoni fil-kwestjonarju, fuq il-bażi tal-aġent kawżattiv issuspettat jew identifikat. L-Anness 1 inbena bl-użu ta' notifiċi tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF), artikoli reċenti riveduti bejn il-pari iżda wkoll feedback mingħand l-esperti involuti fl-iżvilupp tal-ġodda. L-Anness 1 mhuwiex eżawrjenti.

It-test introdutturju għandu l-għan li jiggwida lill-persuna intervistata matul il-kwestjonarju. L-introduzzjoni dejjem tingħata f'żewġ verżjonijiet: waħda għall-intervisti amministrati minn intervistatur fuq it-telefon jew wiċċ imb wiċċ u oħra għall-intervisti li jsiru taħt amministrazzjoni personali. Meta l-kwestjonarju jkun amministrat minn intervistatur, hu/hi għandu/ħa jaqra/taqra t-test magħżul biex jintroduċi/tintroduċi kull sett ta' mistoqsijiet. It-test introdutturju huwa mmarkat bit-tipa grassa u f'kaxxa ħadra kif ippreżentat hawn taħt:

**Intervistatur: Aħna ser inkomplu din l-intervista b'mistoqsijiet dwar il-marda gastrointestinali reċenti tiegħek.**

**Taħt amministrazzjoni personali: Il-mistoqsijiet li ġejjin huma dwar il-marda gastrointestinali reċenti tiegħek.**

Meta huwa mistenni tip ta' tweġiba jew format speċifiku, jingħata suġġeriment fil-parentesi u *bil-korsiv* (eż. *(jj/xx/sena)*).

### Adatta l-kwestjonarju

Jekk l-oġġetti tal-ikel jew il-mistoqsijiet huma nieqsa minn dan ir-repożitorju, inti tista' żżidhom fil-kwestjonarju tiegħek stess u tiprovdi feedback lill-ECDC sabiex il-verżjoni onlajn tar-repożitorju tkun tista' tiġi aġġornata.

Għal firxa wiesgħa ta' mistoqsijiet, l-għażliet tat-tweġiba huma "iva/le/mhux magħruf". Alternattiva hija li jintużaw "iva/probabbilment iva/probabbilment le/le" li jippermettu li jiġu evitati t-tweġibiet "mhux magħrufa" u li jqisu d-drawwiet tal-ikel. Jekk inti tixtieq tuża din l-alternattiva, issostitwixxi dawn l-għażliet tat-tweġiba fil-kwestjonarju.

### Iddefinixxi l-perjodu ta' referenza tiegħek u imla l-kwestjonarju minn qabel

Il-perjodu ta' referenza huwa l-perjodu li matulu tingħabar l-informazzjoni mill-persuna intervistata. Ġeneralment, dan huwa espress b'numru ta' jiem jew ġimgħat u huwa bbażat fuq il-perjodu ta' inkubazzjoni tal-aġent kawżattiv (issuspettat) tat-tifqigħa. Inti ser issib perjodi ta' referenza ssuġġeriti fl-Anness 1. Matul il-kwestjonarju, issostitwixxi l-**[T]** mal-perjodu ta' referenza miftiehem għall-investigazzjoni.

Qabel ma tibda l-intervisti, imla l-parti tal-"mistoqsijiet li għandhom jimtlew minn qabel" tal-kapitolu 1 bl-informazzjoni li diġà għandek dwar it-tifqigħa u kif inhu rilevanti għall-individwi. Imbagħad, inti tista' tikkonferma t-tweġibiet, fejn ikun meħtieġ, matul l-intervista.

Imla l-oqsma kollha mmarkati b'parentesi kwadri [ ] u indikati bil-kulur isfar. Pereżempju, **[pajjiż]** jindika li inti għandek iddañhal l-isem tal-pajjiż. Biex tiffaċilita l-qari tal-kwestjonarju matul l-intervisti, neħħi t-test indikat bil-kulur u l-parentesi kwadri.

### ***Iddeċiedi jekk trid x tinkludi djarju tal-ikel (Kapitolu 19) u ffinalizza l-kwestjonarju***

Uża d-djarju tal-ikel fil-Kapitolu 19 għal mard b'perjodu qasir ta' inkubazzjoni. Dan l-aħjar jintuża għal dawk it-tliet ijiem qabel ma titfaċċa l-marda. Il-limitu huwa ta' sebat ijiem, peress li t-tfaċċar tal-marda spiss ikun diġà seħħ f'tit ġimgħat qabel minn meta jkunu qegħdin jiġu intervistati l-individwi.

Finalment, żid data u/jew numru tal-verżjoni mal-kwestjonarju sabiex tkun tista' ssegwi l-bidliet possibbli għall-kwestjonarju matul it-tifqigħa.

### ***Pass 3a: Intervistatur jamministra l-kwestjonarju***

L-intervistatur jenħtieġ li jkunu familjari mal-kwestjonarju qabel ma jibdeu l-intervisti u idealment jiġu mħarrġa biex iwettqu l-intervisti. Il-mistoqsijiet jew id-dubji dwar mistoqsijiet jew sezzjonijiet speċifiċi tal-kwestjonarji jenħtieġ li jiġu indirizzati qabel ma tibda l-intervista.

#### ***Proċedura ta' approċċ għall-intervistatur***

- Aqra l-kwestjonarju u t-test introdutturju. Saqsi għal kjarifika lill-koordinatur tal-investigazzjoni tat-tifqigħa jekk hemm xi ħaġa li mhix ċara għalik.
- Ivverifika jekk għandek l-informazzjoni kollha u l-materjal meħtieġ biex issejjaħ lill-individwu. Kun af li jeħtieġ li tiffurmula mill-ġdid l-introduzzjoni u l-mistoqsijiet jekk m'intix ser tintervista l-individwu permezz ta', pereżempju, konjuġi jew ġenitur.
- Ċempel lill-persuna intervistata. Uża t-test issuġġerit fir-repożitorju biex tintroduċi lilek innifsek u r-raġuni għat-telefonata tiegħek.
- Wettaq l-intervista meta jingħata kunsens.

#### ***Pariri u suġġerimenti***

- Evita li tagħti dettalji dwar it-tifqigħa (b'mod partikolari dwar sorsi possibbli) sakemm l-intervista tkun kompluta. "Ma rridx ninfluwenza t-tweġibiet tiegħek, għalhekk nistgħu l-ewwel neżaminaw il-lista tal-mistoqsijiet, u mbagħad inwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek?"
- Uża kalendarju biex tiddetermina l-perjodu qabel it-tfaċċar tal-marda li matulu inti ser tistaqsi mistoqsijiet (perjodu ta' referenza). Semmi kemm id-dati tal-bidu u d-dati finali kif ukoll il-ġranet tal-ġimgħa (eż. il-Ħamis 7 ta' Lulju sal-Erbgħa 13 ta' Lulju).
- Ftakar li l-użu ta' "am" u "pm" (eż. 7am) jista' jkun ambigwu, preferibbilment jintqal "is-7 ta' filgħodu".
- Issuġġerixxi lill-persuna intervistata ġġib kalendarju biex tidentifika d-dati.
- Enfasizza li inti tixtieq tirreġistra wkoll dak li kienu qegħdin iduqu, anke jekk huma ħadu biss gidma jew tnejn. Għal xi nies, dan ma jikkostitwixxi "ikel".
- Jekk ġenitur jew tutur qiegħed iwieġeb f'isem tifel jew tifla, fakkar lill-persuna intervistata regolarment li t-tweġibiet huma f'isem it-tifel jew tifla.
- Jekk il-persuna li twieġeb, twieġeb iva għal wieħed mill-oġġetti tal-ikel elenkati, kun żgur li tistaqsi l-mistoqsijiet l-aktar iddettaljati dwar dak l-oġġett tal-ikel.
- Ħafna mill-mistoqsijiet għandhom l-għażla tat-tweġiba "mhux magħruf" jew "Ma nafx/Ma niftakarx" Speċjalment b'perjodi twal ta' referenza u meta jiġu intervistati l-qraba (minflok l-individwu), din l-għażla hija meħtieġa. Madankollu, l-ewwel dejjem ipprova ppersisti għal tweġiba ta' iva jew le.

### ***Pass 3b: Kwestjonarji taħt amministrazzjoni personali***

L-individwu huwa avvċinat permezz ta' posta ordinarja jew email bil-kwestjonarju. Dan ifisser li l-kwestjonarju u l-ittra/email ta' akkumpanjament jenħtieġ li jkunu ċari u komprensivi. Qis li jkollok numru tat-telefon li l-individwi jistgħu jċemplulek fuqu f'każ ta' mistoqsijiet. L-ittra ta' akkumpanjament tipprovdi introduzzjoni għall-

investigazzjoni tat-tifqigħa u għall-kwestjonarju. Din tista' tagħti wkoll pariri sabiex jitwieġeb il-kwestjonarju (ara l-eżempji hawn taħt).

**Anness 1. Perjodi ta' referenza ssuġġeriti u gruppi ta' mistoqsijiet li għandhom jitqiesu meta jinbena kwestjonarju li jiġġenera ipoteżi, skont il-patoġenu ssuspettat/kkonfermat**

	Salm	Campy	Sħiġ	STEC	LM	BC	SA	NoV	HAV	HEV	Crypto	Giardia
Perjodu ta' referenza	7 d	7 d	7 d	7 d	4 w	1 d	1 d	3 d	6 w	6 w	12 d	14 d
Mistoqsijiet ġenerali u demografiċi	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Mistoqsijiet relatati mal-marda	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Mistoqsijiet relatati mal-ivvjaġġar	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Drawwiet tal-ikel, allerġiji u dieta	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Xiri, ristoranti u postijiet oħrajn biex wieħed jiekol minn barra	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Ħaxix u prodotti tal-ħaxix	X	X	X	X	X	X	X	X	X		X	X
Frott u prodotti tal-frott	X	X	X	X	X	X		X	X		X	X
Ġewż u żrieragħ	X											
"Superfoods"	X								X			
Laħam u prodotti tal-laħam	X	X	X	X	X	X	X			X	X	
Ħut u frott tal-baħar bil-qoxra	X		X		X	X	X	X	X	X		
Ħalib u prodotti tal-ħalib	X	X	X	X	X	X	X		X		X	
Bajd u prodotti tal-bajd	X	X			X	X	X					
Prodotti oħrajn tal-ikel	X				X	X	X		X		X	
Prodotti tal-ikel għat-tfal iż-żgħar	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Ilma u xorb ibbażat fuq l-ilma	X	X	X	X		X		X	X	X	X	X
Kuntatt mal-animali	X	X		X			X			X	X	
Djarju tal-ikel	X	X	X	X		X	X	X				X
Mistoqsijiet ta' għeluq	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Referenzi	[1], RASFF	[2], RASFF	[3], RASFF	[4], RASFF	[5], RASFF	[6], RASFF	[7], RASFF	[8], RASFF	[8], RASFF	[8], RASFF	[9, 10]	[10]

Salm = *Salmonella*; Campy = *Campylobacter*; Sħiġ = *Shigella*; STEC = *Escherichia coli* li tipproduċi t-tossina Shiga; LM = *Listerjożi*; BC = *Bacillus cereus*; SA = *Staphylococcus aureus*; NoV = norovirus; HAV = virus tal-epatite A; HEV = virus tal-epatite E; Crypto = *Cryptosporidium*; Giardia = *Giardia lamblia*.

- (1) **Silva C, Calva E, Maloy S.** One Health and Food-Borne Disease: Salmonella Transmission between Humans, Animals, and Plants. 2014; **2**: OH-0020-2013.
- (2) **Klein G, ed.** *Campylobacter*: Features, detection, and prevention of foodborne disease. 1st ed. Amsterdam: Academic Press/Elsevier inc., 2017: 160.
- (3) **Berger S.** *Shigellosis: Global Status*. 2016 edition ed. Los Angeles, California, USA: Gideon Informatics, 2016.
- (4) **Rivas M, et al.** Risk Factors for Shiga Toxin-Producing *Escherichia coli*-Associated Human Diseases. *Microbiology spectrum* 2014; **2**.
- (5) **Lomonaco S, Nucera D, Filipello V.** The evolution and epidemiology of *Listeria monocytogenes* in Europe and the United States. *Infection, genetics and evolution : journal of molecular epidemiology and evolutionary genetics in infectious diseases* 2015; **35**: 172-183.
- (6) **Tewari A, Abdullah S.** *Bacillus cereus* food poisoning: international and Indian perspective. 2015; **52**: 2500-2511.
- (7) **Kadariya J, Smith TC, Thapaliya D.** *Staphylococcus aureus* and staphylococcal food-borne disease: an ongoing challenge in public health. 2014; **2014**: 827965.
- (8) **Todd ECD, Greig JD.** Viruses of foodborne origin: A review. 2015; **7**: 25-45.
- (9) **Robertson LJ, Chalmers RM.** Foodborne cryptosporidiosis: is there really more in Nordic countries? 2013; **29**: 3-9.



(10) **Dixon BR.** Parasitic illnesses associated with the consumption of fresh produce - an emerging issue in developed countries *Current Opinion in Food Science* 2016; **8**: 104-109.**Ann**